

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 91 A



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

9 ta' April 2010

Avviż Nru

Werrej

Pàgna

V *Opinjoni*

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 91 A/01

Pubblikazzjoni għal post battal ta' Direttur Ġenerali (Grad AD 15) tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), Brussell (L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej flimkien mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) — COM/2010/10255

1

Prezz: 3 EUR

V

(Opinjoniġiet)

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni għal post battal ta' Direttur Ġenerali (Grad AD 15) tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), Brussell

(L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej flimkien mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)

COM/2010/10255

(2010/C 91 A/01)

Il-Kummissjoni qed tfttex li timpjega Direttur Ġenerali għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

Min aħna

Il-ġlieda kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea hi ċentrali għall-kredibilità tal-proġett Ewropew.

S'issa, l-OLAF, li huwa Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, qed jinvestiga allegazzjonijiet ta' frodi u attivitajiet illegali oħrajn b'konsegwenzi finanzjarji għall-Baġit tal-Unjoni Ewropea, u jeżerċita b'mod aktar ġenerali l-kompetenzi operazzjonali tal-Kummissjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, jipprovdi assistenza lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-frodi u jipprepara l-inizzjattivi leġiżlattivi u regolatorji tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

Id-Direttur Ġenerali tal-OLAF għandu indipendenza statutorja kif isiru l-investigazzjonijiet. Il-poteri ta' investigazzjoni indipendenti tal-OLAF jestendu għall-Istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE, kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi li għandhom relazzjoni mal-baġit tal-UE kemm fl-Istati Membri kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Lil hinn minn dawn l-attivitajiet ta' investigazzjoni, l-OLAF tagġixxi bħal Direttorat Ġenerali ieħor tal-Kummissjoni fit-tfassil u twettiq ta' politiki fil-qasam ta' kompetenza tagħha, taħt id-direzzjoni politika tal-Kummissjoni.

L-attivitajiet ta' investigazzjoni tagħha huma taħt skrutinju minn Kumitat Superviżorju magħmul minn ħames persuni indipendenti li huma esterni mill-Kummissjoni.

X'qegħdin nipproponu

Id-Direttur Ġenerali huwa responsabbli, b'indipendenza sħiħa, għall-attività ta' investigazzjoni tal-Uffiċċju.

Taħt is-supervizzjoni tal-Kummissarju responsabbli għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, id-Direttur Ġenerali jmexxi l-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju fit-tfassil tal-istrateġija tal-Kummissjoni għal kontra l-frodi kif ukoll jipprovdi assistenza lill-Istati Membri billi jorganizza kooperazzjoni mill-qrib u regolari bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom sabiex jiġu kkoordinati attivitajiet immirati għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea kontra l-frodi.

Id-Direttur Ġenerali jmexxi l-Uffiċċju skont id-dikjarazzjoni tal-missjoni tal-Uffiċċju u kif ukoll il-programm tal-ħidma operazzjonali annwali stabbiliti taħt l-awtorità tiegħu/tagħha.

Id-Direttur Ġenerali ser ikun responsabbli għal Direttorat Ġenerali li jinkludi erba' Direttorati u kważi 500 impjegat. Din il-persuna se tamministra baġit ta' madwar EUR 50 miljun. Din il-persuna se tħejji u tressaq abbozz tal-baġit preliminari indipendenti li għalih se tkun l-uffiċjal li jawtorizza.

Il-mandat hu għal ħames snin, li jiġġedded darba biss, soġġett għar-regoli normali deskritti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropea (ir-Regolament tal-KEE, Euratom, KEFA Nru 259/68 kif emendat).

X'qegħdin infittxu

Il-kandidati għandhom:

- Ikollhom esperjenza professjonali sinjifikanti u suċċess ippruvat f'kariga ġudizzjarja ta' livell għoli jew kariga eżekuttiva ta' investigazzjoni;
- Juru kisbiet sodi bħala mexxejj, maniġer u komunikatur, flivelli amministrattivi strateġiċi u interni, li jinvolvu t-tmexxija ta' timijiet u riżorsi finanzjarji kbar;
- Ikollhom għarfien eċċellenti tal-kwistjonijiet prinċipali legali u pratiki li jistgħu jinqalgħu fil-ġlieda kontra l-frodi u proċedimenti kriminali f'dan il-qasam;
- Ikunu professjonisti eċċezzjonali u dinamiċi li jaġhmlu ġudizzju tajjeb u b'kapaċità tajba li jkollhom ħila kunċettwali għolja, bil-kapaċità li jiżviluppaw viżjoni strateġika ċara għall-kisba tal-għanijiet tal-OLAF;
- Ikollhom ħilet interpersonali, ta' teħid ta' deċiżjonijiet, ta' komunikazzjoni u ta' negozjar eċċellenti u jkunu kapaċi jibnu relazzjonijiet ta' ħidma fdati mal-partijiet ikkonċernati;
- Ikollhom l-abbiltà li jaħdmu f'ambjent multikulturali kumpless u li jħeġġeġ u jiżviluppa timijiet li jaħdmu bl-aħjar potenzjal tagħhom;
- Juru l-fehim u l-impenn tagħhom għall-indipendenza u għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali meħtieġa fir-rwol ta' investigazzjoni.

Preferenza se tingħata lil dawk il-kandidati li huma kapaċi li jaħdmu bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

L-applikanti għandhom

1. Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE.
2. Ikollhom:
 - i) jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar.
 - ii) jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji li tlestew, iċċertifikati minn diploma, u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun mill-inqas ta' tliet snin.
3. Għandu jkollhom mill-inqas 15-il sena esperjenza professjonali post-universitarja miksuba wara t-tlestija tal-kwalifikazzjonijiet u kwalunkwe esperjenza neċessarja msemmija fil-punt 2 ta' hawn fuq, preferibbilment f'qasam relevanti tal-missjoni tal-OLAF. Mill-inqas 5 snin minn din l-esperjenza professjonali għandhom ikunu f'funzjoni maniġerjali ta' livell għoli ⁽¹⁾ u għandu jkollhom ukoll xi esperjenza diretta f'qasam relatat ma' dan l-inkarigu.
4. Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' lingwa uffiċjali oħra. (Il-kandidati għandhom jinnutaw li l-proċeduri tal-għażla ser isiru bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż biss) ⁽²⁾.
5. Ikunu jistgħu jlestu l-mandat sħiħ ta' ħames snin qabel ma jilhqqu l-età tal-irtirar, li għal aġenti temporanji tal-Komunitajiet Ewropej, l-età tal-irtirar hija ddefinita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq il-65 sena (Ara Art. 52 lit (a) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 47 tal-Kondizzjonijiet ta' impieg ta' impjegati oħrajn).

L-indipendenza u d-dikjarazzjoni tal-interessi

Il-kandidati huma mitluba jikkonfermaw il-volontà tagħhom li jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-impenn tagħhom li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u dikjarazzjoni ta' kwalunkwe interess li jista' jiġi kkunsidrat li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Il-ħatra u l-kundizzjonijiet tal-impjeg

Id-Direttur Ġenerali se jinħatar mill-Kummissjoni Ewropea skont il-proċeduri ta' għażla u reklutaġġ tagħha, wara opinjoni favorevoli mill-Kumitat ta' Superviżjoni tal-OLAF u wara konsultazzjonijiet mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew (li tista' titlob lill-Kandidati biex jippreżentaw lilhom infushom f'seduta orali). *Matul il-proċess tal-għażla*, il-kandidati jistgħu għal intervista mill-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni għall-Ħatriet, fejn qabel dan huma se jeħtieġu li jattendu għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' valutazzjoni mmexxi minn konsulenti esterni ta' reklutaġġ.

Il-paga u l-kundizzjonijiet tal-impjeg huma dawk elenkati fir-Regolamenti tal-Persunal għal uffiċjali li jokkupaw funzjoni li tikkorrispondi mal-post bażiku ta' Direttur Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Fis-CV tagħhom, l-applikanti għandhom jindikaw għall-inqas għal dawn il-5 snin li fihom kisbu l-esperjenza maniġerjali: (1) it-titlu u r-rwol tal-pożizzjonijiet maniġerjali li kienu fiha, (2) in-numru ta' membri tal-persunal li kienu jamministraw f'dawn il-pożizzjonijiet, (3) id-daqs tal-baġits ġestiti, u (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi 'l fuq u 'l isfel u n-numru ta' persunal fl-istess livell.

⁽²⁾ Il-bord tal-għażla ser jassigura li mhux ser jingħata l-ebda vantaġġ mhux dovut lill-kelliema nattiv ta' dawn it-tliet lingwi.

L-applikanti għandhom iqisu r-reqwiziti għall-persunal ġdid kollu, taħt ir-Regolamenti tal-Persunal, li jgħaddu b'suċċess żmien ta' prova ta' disa' xhur.

Din il-ħatra ser issir fi Brussell.

Opportunitajiet indaqs

L-Unjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs.

Proċedura tal-applikazzjoni

Din il-kariga tista' tiġi ppubblikata fl-istess żmien ma' numru ta' karigi oħrajn għal uffiċjali maniġerjali għolja. Il-kandidati li jixtiequ japplikaw għal iżjed minn kariga waħda jridu jressqu applikazzjoni separata għal kull kariga.

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tiċċekkja b'attenzjoni jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibilità kollha, b'mod partikolari rigward it-tipi ta' kwalifiki u esperjenza professjonali meħtieġa.

Jekk trid tapplika, għandek **tirreġistra permezz tal-Internet** billi tmur fuq il-websajt

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

u ssegwi l-istruzzjonijiet dwar id-diversi stadji tal-proċedura.

Hija responsabbiltà tiegħek li r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek issir fil-ħin ⁽³⁾. Nirrakkomandaw bil-qawwi li ma tistenniex sal-aħħar f'tit jiem biex tapplika, għaliex konġestjoni fuq l-Internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni onlajn tiġi tterminata qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba d-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet tkun għaddiet, ma tkunx tista' għadek tirreġistra. Bħala regola ġenerali, reġistrazzjonijiet bil-posta elettronika normali li jaslu tard mhumiex se jiġu aċċettati.

Meta tlesti r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek, inti tirċievi fuq l-iskrin numru ta' reġistrazzjoni li għandek tieħu nota tiegħu — dan ikun in-numru ta' referenza tiegħek f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni. Meta tirċievi dan in-numru, il-proċess tar-reġistrazzjoni jkun intemm — huwa konferma li aħna nkunu rreġistrajna l-informazzjoni li tkun daħħalt.

Jekk ma tirċievi l-ebda numru, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!

Jekk jogħġbok innota li jrid ikollok indirizz tal-posta elettronika. Dan l-indirizz jintuża biex tiġi identifikata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex tkun infurmat bir-riżultat tal-proċedura. Għandek tinforma lill-Kummissjoni f'każ ta' tibdil fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Mal-applikazzjoni tiegħek se tintalab teħmeż CV fil-format WORD jew PDF, u biex tinkludi ittra ta' motivazzjoni onlajn (massimu ta' 8 000 karattru). Kemm is-CV kif ukoll l-ittra jridu jkunu bil-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Jekk jogħġbok innota **li mhumiex** possibbli li tissorvelja l-progress tal-applikazzjoni tiegħek onlajn. Inti tiġi kkuntattjat/a dwar l-istat tal-applikazzjoni tiegħek direttament mid-DĠ li qiegħed jirrekluta.

⁽³⁾ Mhux aktar tard minn nofsinhar (12:00), ħin ta' Brussell, tas-7 ta' Mejju 2010.

Jekk tbat minn diżabbiltà li ma tippermettilekx tirreġistra onlajn, tista' tibgħat l-applikazzjoni (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) fuq karta permezz ta' posta reġistrata ⁽⁴⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data meta tagħlaq ir-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni sussegwenti bejnek u bejn il-Kummissjoni tkun bil-posta. F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tiegħek għandek tehmeż ċertifikat li jiċċertifika d-diżabbiltà tiegħek, maħruġ minn entità rikonoxxuta. Għandek issemmi wkoll, fuq karta separata, kull arranġament speċjali li taħseb li jkun meħtieġ biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni tiegħek fl-għażla.

Jekk teħtieġ aktar taġġir u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, jekk jogħġbok ibgħat e-mail lil HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Kuntatt: Ms. Elisabeth KOTTHAUS, Tel: +32.2.29 67738, Elisabeth.kotthaus@ec.europa.eu

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija s-7 ta' **Mejju 2010**. Ir-reġistrazzjoni onlajn mhux ser tkun possibbli wara 12.00 nofsinhar ħin ta' Brussell.

⁽⁴⁾ European Commission, Directorate-General Human Resources and Security, Unit for Executive Staff and CCA Secretariat, COM/2010/10255, SC11 08/030, 1049 Brussels, BELGIUM.

REVIŻJONI TAL-ĠU C A "KOMPETIZZJONI"

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5	(FR)
9	
19	(FR)
23	(DE/ES/PT)
28	
48	
53	
56	
57	
60	
61	(DE/EN/FR)
62	
64	
66	(BG/RO)
67	(ES)
70	(PT)
73	(FI)
74	(SV)
91	

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

